Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, il-15 ta' Jannar 2024**

**Distrett Hamrun**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stacy Attard)**

**Versus**

**Alan Bonello**
**(58388M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Alan Bonello**, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 58388(M).

Akkuzat talli nhar l-20 ta' Frar 2020 ghall-habta ta' bejn12:00hrs u/jew fil-hin ta' qabel u/jew wara gewwa 'Digital Literacy Centre' fi Triq Joseph Abela Scolaro, Hamrun u/jew f'dawn il-Gzejjer :

1. Uza xi 'network' jew apparat ta' komunikazzjoni elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li kien gie fornut ghalih, jew itraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-'network' jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss,u dan bi ksur tal-Art. 48(d) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi permezz ta' xi 'network' jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (a) hedded li ser jaghmel xi reat; (b) bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor u cioe' lil Liza Ciantar biex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontriha, jew immalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; (c) ghamel

uzu mhux xieraq bih, u dan bi ksur tal-Art. 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 48(d) u 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih** u tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' hames mitt Euro (€500).

In oltre ai termini ta' l-Artikolu 382A il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Trazzin ghal perjodu ta' sena (1) millum.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**